MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta tat-2 ta' Marzu, 2009

Numru. 251/2003

**Drogi 251/03**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Dennis Theuma)**

**Versus**

**Vincent Grogan**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Vincent Grogan ta' 32 sena, bin Alfred u Antonia nee Grech, imwieled Tal-Pieta' fit-23 ta' Ġunju 1970 u residenti fil-fond numru 64 D Capuchins Street Kalkara u li għandu l–karta tal-identita' bin-numru 279470(M)

Akkużat talli f'dawn il-Gżejjer nhar id-19 t'April, 2003 u l-erba' xhur ta' qabel, ġol-Kalkara, u fi bnadi oħra f'Malta f'ħinijeit differenti

a) Kellu fil-pussess tiegħu r-raża meħuda mill-pjanta kannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża u dan bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kap 101 tal-liġijiet ta' Malta;

b) talli biegħ jew xort'oħra ttraffika fir-raża meħuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża;

ċ) talli fl-istess ħin, datra u ċirkostanzi biegħ jew offra li jbiegħ droga ristretta u psikotropika (ecstasy) kontenenti s-sustanza (methlenedioxyamphetamine) li hija kkontrollata u ristretta bil-Liġi taħt it-Tielet Skeda, Part A tal-Ordinanza Dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqasmu magħha, Kap 31 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kellu ebda awtorizzazzjoni u permess bl-imsemmija liġi sabiex ikun fil-pussess ta' tali sustanza;

d) talli kellu fil-pussess tiegħu mediċina ristretta u psikotropika meta ma kienx awtorizzat kif imiss bi ksur tar-regolament 3(1) tal-Avviż Legali 22 tal-1985 kif sussesgwentement emendat u 40A u 120A u t-Tielet Skeda tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha Kap 31 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 16 tal-Att V tal-1985 kif emendat.[1]

e) talli kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokaina speċifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma keinx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-d-dispożizzjonijiet tar-raba' u s-sitt Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu skond

[1] Din l-aħħar parti m'għandhiex tidher aktar fl-imputazzjonijiet wara dak li stabbiliet il-Qorti tal-Appell Kriminali Inferjuri fil-każ 'Il-Pulizija kontra Michael Borg' (Imħallef Dr.David Scicluna)

ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur ta-regolament 9 tar-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikolużi (GN 292/1939) kif sussesgwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ntalbet ukoll sabiex f'każ ta' sejbien ta' ħtija, tapplika l-artikolu 533 tal-Kap 9.

Rat l-atti kollha tal-proċess inklużi l-istqarrijiet tal-imputat (fol.3et), il-fedina penali tiegħu, iċ-ċertifikat tat-twelid li jġib in-numru 2794 tal-1970, l-Ordnijiet tal-Avukat Ġenerali tat-2 ta' Settembru 2003, il-proċes-verbal redatt mill-Maġistrat Dr.Miriam Hayman, id-dikjarazzjoni magħmula mill-Prosekuzzjoni li, f'każ ta' sejbien ta' ħtija, l-imputat għandu jibbenedfika mill-artikolu 29 fl-intier tiegħu, ir-relazzjoni tal-Ispiżjar Mario Mifsud (fol.31), u l-ammissjoni magħmula mill-imputat a fol.59, liema ammissjoni huwa kkonferma wara li ngħata ħin biżżejjed sabiex jaħsibha.

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli Prosekutur u tal-abbli Difensur.

Ikkonsidrat

Mix-xhieda mogħtija mill-Ispettur Josric Mifsud, jirriżulta li kienet saret tfittxija fir-residenza ta' Vincent Grogan fejn kienu nstabu 80 pillola, madwar żewġ grammi kokaina u karti tal-brim tas-sigaretti.

L-Istqarrijiet tal-Imputat

Fl-ewwel stqarrija tiegħu, l-imputat għażel li ma jweġibx. Fit-tieni stqarrija tiegħu l-imputat stqarr li huiwa kien qed jsitenna telefonata sabiex jixtri ħamsin pillola ecstasy. Minn għand l-istess epsuna kien xtara sitt darbiet. Ġieli xtara mitt pillola iżda l-aktar li kien jixtri kienu ħamsinijiet. Il-ħamsin li kien sejjer jixtri ma kenux għalih iżda kien hemm xi ħabib tiegħu li xtaq jixtri ħamsin pillola u kien mar

l-imputat biex jixtri għax kien jafu hu. Huwa stqarr ukoll li kien xtara l-kokaina minn għand l-istess persuna. Fil-pakkett li l-Pulizija kienu sabu d-dar, kien hemm żewġ qratas bil-kokaian u qartas bil-karbonara li kien jużaha beix jagħmel il-crack. L-imputat qal ukoll li l-ecstasy kien ibiegħhom erba' liri l-waħda u ġieli tliet liri u ħamsa u sebgħin ċenteżmu. L-imputat stqarr ukoll li hu kien ibiegħ l-ecstasy biex iżomm il-habit tiegħu. Il-flus li kellu fuqu kienu tiegħu.

Din l-istqarrija kienet ikkonfermata bil-ġurament quddiem il-Maġistrat tal-Għassa Dr.Miriam Hayman.

L-Ispiżjar Mario Mifsud, maħtur matul l-inkjesta, ikkonferma li kienu nstabu 80 pillola li kellhom is-sustanza MDMA. Barra dan fit-trab abjad li kien hemm fid-dokument 03BBZ 03 kien hemm is-sustanza THC. Instabu wkoll traċċi tas-sustanza kokaina u fiż-żewġ qratas fid-dokument 03 BBZ 04 kein hemm nett totali 0.875 grammi ta' kokaina.

Ammissjoni

Fis-seduta tad-9 ta' Lulju, 2007 l-imputat ammetta:

(i) l-imputazzjoni (a);
(ii) l-imputazzjoni (ċ)
(iii) l-imputazzjoni (d) li hija kompriża fl-imputazzjoni (ċ).
(iv) l-imputazzjoni (e)

Huwa m'ammettiex l-imputazzjoni (b)

Konsiderazzjonijiet tal-Qorti

Ġaladarba l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet (a) (ċ), (d) u (e), dawn huma ppruvati skond il-Liġi.

Dwar l-imputazzjoni (b), din ma tirriżultax u għalhekk il-Qorti qed tillibera lill-imputat minnha.

Rat ukoll ir-rapport koxjenzjożament imħejji mill-Probation Officer s-sur Trevor Calafato. Ir-rapport juri biċ-ċar xi progress għamel l-imputat u x'kein r-raġunijiet li wasslu għall-abbuż mid-droga.

**Konklużjoni**

Il-Qorti, wara li rat l-artikolu 17(h) tal-Kap 9, it-Taqsimiet 4 u 6, l-artikoli 8(a), 22(1)(a) 22(2)(b)(i)(ii), 22(1B) u 29 tal-Kap 101 kif ukoll ir-regolament 9 tal-GN 292/1939 u l-artikoli 40A, 120A(1)(a), 120A(2)(b)(i)(ii) , 120A(2)(1B) u l-artikolu 120A(2B) – liema artikolu jikkorrispondi għall-artikolu 29 tal-Kap 101- kollha tal-Kap 31 kif ukoll ir-regolament 3(1) tal-Avviż Legali 22 tal-1985 issib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet (a), (ċ), (d) u (e) bl-imputazzjoni (d) kompriża fl-imputazzjoni (ċ) u qed tilliberah mit-tieni imputazzjoni (dik immarkata (b).

Dwar il-piena, il-Qorti qieset li l-imputat għamel l-ammissjoni tiegħu għalkemm mhux mal-ewwel opportunita', li għen lill-Pulizija u għalhekk jimmerita li jgawdi pjenament mill-aritkolu 29 tal-Kap 101 ( 120A (2B) ) tal-Kap 31 u li fil-preżent jidher li biddel ħajtu. Il-Qorti qed tqis ukoll dak li rraporta l-Probation Officer dwar l-imputat.

Għaldaqstant qed tikkundanna lill-imputat għal piena ta' priġunerija ta' għaxar xhur u għall-ħlas ta' multa ta' €470 liema multa tista' titħallas b'rata ta' ħamsin Ewro kull xahar bl-ewwel pagament isir fi żmien erba' ġimgħat mil-lum. Jekk xi parti minn din il-multa ma titħallasx din għandha tinbidel f'jum priġunerija għal kull €11.65 li ma jitħallsux.

Ai fini tal-artikolu 533 tal-Kap 9, il-Qorti qed tikkundanna lill-imputat iħallas is-somma ta' €149.70 (Lm64.25) għall-ħals tal-esperti. Din trid titħalals fi żmien xahar mil-lum.

Il-Qorti qed tordna d-distruzzjoni tad-droga taħt il-ħarsien tar-Reġistratur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------